UMANITAS

*L-art bir-rogħda, musfara*
*Proċessjoni bla tarf*
*Nemel jew ġrieden, għasafar ġo l-ikħal tas-sema.*
*Atlante taħt l-art*
*Bliet ta' l-imħabba mgħarrqa ġol-baħar.*
*Adam u Eva u wliedhom*
*Nisel bla sliem, proċessjoni ta' erwieħ indannati*
*L-Għajta ta' l-Imgħarrqin:*
*Tellagħna fil-wiċċ u roddilna għal darb'oħra*
*L-ikħal tas-sema miblugħ ġo l-aħdar ta' l-iġbla*
*Sider l-omm li tredda' u trabbi 'l uliedha*
*Misruqa, maħtufa fid-dagħbien*
*Ta' l-ilmijiet — Atlante mgħarrqa*
*Sodoma u Gomorra, maħruqa mill-Allat.*
*Nitolbu għan-nies ta' Atlante,*
*L-iġsma mgħarrqin, sodod maħruqa*
*Fl-ibliet ta' l-imħabba*
*Misjuqa ġol-qigħan tal-Baħar misħut.*

3.iii.72 J. AQUILINA

~~TRID TITGHALLEM~~

~~*Trid titgħallem ħafna ħwejjeġ fid-dinja*~~
~~*titgħallem tidħaq, titgħallem tibki*~~
~~*titgħallem kollox*~~
~~*titgħallem timxi mbè qabel tqum fuq riġlejk*~~
~~*titgħallem tgħix u tgħajjex, toktor u tkattar*~~
~~*titgħallem tinseġ fuq in-newl tal-ħajja*~~
~~*titgħallem tixtri u tbigħ,*~~
~~*tħaddan u titħaddan,*~~
~~*tirfes u tirtifes,*~~
~~*titgħallem dak kollu li l-ħajja tnewwillek fuq platt*~~
~~*biex tagħżel jew tarmi*~~
~~*u fl-aħħarnett*~~
~~*titgħallem tmut.*~~

13.iv.72 ~~J. AQUILINA~~